**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 78/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs.**

**Addie Magri**

**Jurgen Vassallo**

Illum it-12 ta' Ottubru 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq taht arrest lil:

**Addie Magri** ta' 47 sena, iben Charles u Doris nee' Spiteri imwieled l-Awstralja nhar it-2 ta' Gunju 1971, residenti 35, Triq id-Duluri, Isla u detentur tal-karta ta' l-identita 474787M;

**Jurgen Vassallo** ta' 21 sena, iben Paul u Josephine nee' Lia imwieled Pieta nhar il-15 ta' Ottubru 1997, residenti Blk C, 6, Triq il-Pellegrinagg, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita 410497M

Akkuzati talli nhar it-3 ta' Frar 2019 fil-hinijiet ta' bejn l-16:00hrs u 'l-17:00hrs gewwa l-Isla:

1. Ikkommetew serq ta' kartiera bi flus kontanti ghad-detriment ta' Joseph Vella I.D. 607155M liema serq huwa aggravat bil-vjolenza

2. Ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Vella, hekk kif iccertifika Dr. Anton Tran (Med Reg 5900) mill-isptar Mater Dei

Jurgen Vassallo wahdu gie akkuzat ukoll;

3. Talli wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea nhar is-16 ta' Frar 2018

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Addie Magri u Jurgen Vassallo a beneficju ta' Joseph Vella u familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Joseph Vella u familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Addie Magri u Jurgen Vassallo b'obbligazzjoni taghom nnifishom taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta lil Addie Magri u Jurgen Vasallo bhala persuni recedivi meta gew issentenzjati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdulha u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2019, tal-25 ta' Marzu 2019, 20 ta' Frar 2020, 18 ta' Gunju 2020 u 23 ta' Lulju 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti mill-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.[3]

[1] Folio 7-8, 120-121, 199-200, 247-248 u 268-269 ta' l-atti processwali
[2] Folio 148a ta' l-atti processwali
[3] Folio 155, 197, 243 u 264 ta' l-atti processwali

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-20 ta' Awissu 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[4]:

Fir-rigward ta' Addie Magri u Jurgen Vassallo

a. Fl-artikoli 261(a), 262(1)(a)(2), 274(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 7, 8, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Jurgen Vassallo wahdu

f. Fl-artikoli 7 u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta datata t-2 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati jekk kellhomx oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati zmien xieraq biex iwiegbu ghal din il-mistoqsija, wiegbu li ma kellux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-

[4] Folio 281 ta' l-atti processwali

twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[6]

Rat li fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga tisma lix-xhieda kollha prodotti minn din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-1 ta' Dicembru 2020.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-22 ta' Frar 2021.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2021.[8]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

[5] Folio 287 ta' l-atti processwali
[6] Folio 262-264 ta' l-atti processwali
[7] Folio 271 ta' l-atti processwali
[8] Folio 352 et seq ta' l-atti processwali

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta nhar it-3 ta' Frar 2019 meta l-imputati kienu involutu f'serqa fuq certu Joseph Vella. Illi l-vittma rraporta gewwa l-ghassa tal-Bormla illi z-zewg imputati, li kellu konoxenza taghhom, qabzu fuqu u serqu minnghandu diversi oggetti fosthom kartiera u mobajl.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019 xehed **il-parte civile Joseph Vella**. Huwa spjega li kien ghamel rapport mal-Pulizija minhabba li nhar il-5 ta' Frar 2019 ghall-habta tal-16:30hrs, waqt li kien miexi lejn id-dar tieghu fl-Isla, gew fuqu tnejn minn nies, li huwa jahseb li kienu z-zewg imputati, u wiehed, li skont hu kien Addie Magri, tah daqqa ta' ponn fuq wiccu filwaqt li l-iehor, Jurgen Vassallo, hadlu l-kartiera. Mad-daqqa, ix-xhud infarag u waqa' mal-art u sakemm qam, l-aggressuri kien telqu. Ma jiftakarx wisq dettall minhabba li meta sehh dan kollu huwa kien daqsxejn xurban. Il-kartiera kienet ittiehdet mill-but ta' wara, fejn kien dejjem ipoggiha. Bhala kontenut, qal li din kien fiha il-karta tal-identita`, il-licenzja u l-Cashlink card. Bhala flus, stqarr li meta hareg kellu fuqu €150 imma ma jafx kemm kien ghad baqa' minhabba li kien nefaq xi flus mal-gurnata. Il-kartiera kienet eventwalment instabet mill-Pulizija. Il-mobile phone, li kien fil-but tal-gakketta, ma nsteraqx. Dak il-hin, ix-xhud ingabar minn ambulanza li haditu l-isptar imma gie licenzjat ftit wara minhabba li ma rrizulta xejn gravi. L-ghada mar l-Ghassa biex jaghmel rapport formali. Spjega li kien jaf min hu l-imputat Jurgen Vassallo minhabba li jaf lil missieru. Lil Addie Magri kellu amment kieku ukoll minhabba li joqghod fl-istess akkwata

u li l-mara tieghu jisimha Marcelle u tkun qed tixtri mill-istess hanut fejn imur hu. Lill-imputati gharafhom minn ritratti li gew murija lilu minn ufficjal tal-Pulizija u kien cert minghajr dubju li kienu huma. In kontro-ezami, ix-xhud qabel li meta gie aggredit, huwa kien iddefenda ruhu mill-ewwel billi xejjer daqqa ta' ponn imma ma qabilx li l-persuna li kien tah daqqa ta' ponn beda jghidlu "ara, ghandek il-kartiera mal-art". Lanqas ma qabel li ma kien insteraqlu xejn mill-kartiera minhabba li kien ghad baqalu xi flus minn tal-gurnata, ghalkemm qabel li kien hallas ghal xi *rounds* ta' xorb ghal diversi hbieb. Ma kienx jaf fejn kienet instabet il-kartiera minhabba li huwa kien gabarha mill-Ghassa. Spjega li l-incident gara f'kantuniera u allura huwa gie sorpriz mill-aggressuri ghax sabhom ma wiccu, specjalment minhabba li kien jaf min kienu u li dawn kellhom reputazzjoni fl-Isla li huma mhawdin u jabbuzaw mid-droga.

Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2019 xehdet **l-ufficjal tal-*probation* Svetlana Bezzina**, li kkonfermat illi hija kienet ilha ssegwi lill-imputat Jurgen Vassallo sa mill-21 ta' Frar 2019. Kienet issegwih qabel ukoll in konnessjoni ma kaz ta' rapport falz. Vassallo kien ammetta li jaghmel uzu minn sustanzi llecti u kien jghix hajja bla struttura. Kien iqatta' hafna hin ma persuni dubbjuzi u dan kien ta' detriment kbir ghalih specjalment minhabba fil-limitazzjonijiet intellettwali tieghu. Fil-bidu Vassallo kien isib diffikulta` jaderixxi mal-pjanijiet maghmula ghalih izda eventwalment beda jattendi b'mod konsistenti ghall-appuntamenti kemm max-xhud, kif ukoll ghand il-Caritas u fic-centru tas-sahha, fejn Vassallo kien segwit anke` minn tim psikjatriku. L-idea tal-professjonisti kollha li jahdmu mieghu hija li f'kaz li kellu jigi ritornat fil-kommunita` f'daqqa, ser jerga' jsib ruhu bla struttura, u dan ikun ta' detriment. Ghalhekk, is-suggeriment huwa li Vassallo jibqa' jinzamm gewwa s-sezzjoni "YOURS". Ix-xhud spjegat ulterjorment li Vassallo ghandu limitazzjonijiet intelletwali u minhabba f'hekk, jigi segwit mill-psikjatra David

Cassar. Kien hemm drabi fejn kien hemm diffikultajiet biex tahdem mieghu minhabba li jsibha difficli li jaghraf il-konsegweni tal-imgieba tieghu.

Fl-istess seduta xehdet **WPS 41 Elaine Rizzo**, stazzjonata fl-Ghassa ta' Marsascala. Hija spjegat li nhar it-3 ta' Frar 2019 hija kienet giet informata dwar ir-rapport maghmul minn certu Joseph Vella u kienet irrispondiet ghalih fl-Ghassa ta' Bormla. Joseph Vella kellu xi demm fuq wiccu kif ukoll fuq idejh u kien intbaghat l-isptar Mater Dei ghall-kura. Dakinhar stess ghall-habta tas-18:30hrs, dahlet telefonata anonima b'lehen maskili fejn dan qal li saghtejn qabel kien ra lil Addie Magri u Jurgen Vassallo jhebbu ghal ragel avvanzat fiz-zmien li kien jidher fis-sakra u serqulu l-kartiera. Dak il-hin, ix-xhud marret l-isptar u uriet ritratti tal-imputati lil Vella fejn dan ikkonferma li kienu huma l-persuni li aggredewh. Fil-post tal-incident, cioe` Triq il-Ponta gewwa I-Isla, kien hemm kameras tas-sigurta` tal-hanut Easybet. Eventwalment, Jurgen Vassallo gie arrestat u l-ghada, l-4 ta' Frar 2019, gie mitkellem fl-Ghassa ta' Bormla, fejn wara li kkonsulta mal-avukat tal-ghajnuna legali, stqarr li meta sehh l-incident, huwa kien ma Addie Magri fejn dan qallu biex jisirqu kartiera ta' wiehed ragel li kien ghaddej. Magri mar fuq dan ir-ragel u hataflu l-kartiera minn gol-gakketta u r-ragel, Joseph Vella, kien ta daqqa ta' ponn lill-istess Magri, li tah daqqa ta' ponn lura. Vassallo kien stqarr li huwa ma kienx sawwat lil Vassallo u lanqas ha l-kartiera.  Addie Magri kien gie mitkellem mill-Ispettur Eman Hayman fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Ix-xhud gabret il-filmat tal-kamera tal-Easybet mill-ufficcju taghhom ta' Portomaso. In kontro-ezami, ix-xhud stqarret li ghaliha mill-mod kif beda jwiegeb Vassallo deher li kien persuna normali u kkoopera maghha, fis-sens li wiegeb b'mod car ghal kull domanda li saritlu.

Fl-istess seduta xehed **PC 1283 Fortune Calafato**, stazzjonat fl-ghassa ta' Bormla, li kien l-ufficjal li nhar it-3 ta' Frar 2019 rcieva r-rapport ta' Joseph Vella. Ghall-habta tal-17:00hrs kien dahal persuna maskili fejn kellu xi dmija ma idejh u wiccu. Dan kien spjega li kien ilu barra jixrob mill-habta tal-10:00hrs kif kien jaghmel kull nhar ta' Hadd, u meta kien miexi minn Triq il-Pont, l-Isla biex imur lura d-dar, gew fuqu zewg "drogati" li habbew ghalih u hadulu l-kartiera u l-mobile tal-ghamla Samsung J5 ta' kulur iswed. Fil-kartiera kellu l-karta tal-identita`, il-licenzja, tal-linja card, Cashlink tal-BOV u flus kontanti ta' madwar €150. Ix-xhud irrimarka li Vella kien jidher fi stat ta' sakra mil-mod li beda jitkellem. Ghall-habta tas-18:30hrs, ix-xhud ircieva telefonata l-Ghassa b'informazzjoni li Addie Magri, mill-Isla kien qed ihajjar lin-nies biex jaqbdu l-vizzju tal-loghob u fejn anke kien qed juza lil terzi persuni sabiex ikunu komplici mieghu f'reati ta' serq. Il-persuna li cempel qal ukoll li xi saghtejn qabel dan Magri u certu Jurgen Vassallo kienu hebbew ghal ragel avvanzat fiz-zmien li kien jidher li kien fis-sakra u wara li hebbew ghalih, serqulu l-kartiera. In kontro-ezami, ix-xhud spjega li l-ghada tal-incident kien prezenti waqt li Joseph Vella rega' kien l-Ghassa u jidhirlu li dan qal li kien Vassallo li tah daqqa ta' ponn u qal ukoll li l-mobile kien sabu fil-but. Iccara li ma kienx jaf kemm kienu insterqu flus bl-ezatt u qaghad fuq dak li qal il-kwerelant.

Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2019 regghet xehdet **l-ufficjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina**, li spjegat li ghalkemm wara li kien inheles mill-arrest Jurgen Vassallo kien dahal fi program residenzjali tal-Caritas, kull ma ghamel fil-programm kien bejn id-9 u l-11 ta' Mejju 2019. B'hekk Vassallo kiser il-pjan ta' kura kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Madankollu, wara dan, Vassallo baqa' jattendi b'mod regolari ghall-appuntamenti gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole. Sfortunatament, l-imputat rega' beda

jiehu l-kokaina u l-eroina u t-testijiet tal-awrina gew posittivi. Hemm biza' li l-mod ta' kif qed jghix Vassallo huwa ta' periklu ghalih innifsu.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Eman Hayman**, stazzjonat Bormla. Filwaqt li kkonferma dak kollu li xehdu l-ufficjali l-ohrajn tal-Pulizija, spjega li huwa ha l-istqarrija tal-imputat Addie Magri wara li dan kien ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Christopher Chircop. Konfrontat bl-ammissjoni ta' Jurgen Vassallo, Magri ghazel li ma jwegibx u wara ftit infexx jirrabja mieghu ghax skont hu, il-Pulizija ghandhom ghalih. Qal ukoll li l-Pulizija m'ghandhomx jaghtu kaz ta' x'jghid Jurgen Vassallo ghax huwa bniedem li "jinhexa f'sormu". Eventwalment, il-parte civile Joseph Vella kien informa lill-Pulizija li kien sab il-mobile tieghu. Iz-zewg imputati kienu tressqu l-Qorti taht arrest. In kontro-ezami, spjega li l-Pulizija kienet konvinta mill-identifikazzjoni taz-zewg imputati kemm minn dak li qal il-parte civile kif ukoll mill-kumplament tal-hjiel li kien hemm, inkluz it-telefonata anonima.

Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2020, xehed **Keith Cutajar**, espert mahtur mill-Qorti biex jeleva l-filmat CCTV tal-hanut Easybet. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu u spjega li mill-filmati jidhru xi persuni u wiehed jista' jara sew il-movimenti taghhom. Dawn il-partijiet gew elevati bhala fotogrammi.

Fl-istess seduta xehed **l-ufficjal tal-*Probation* Glen Grixti,** li qed isegwi lill-imputat Addie Magri. Spjega li fil-bidu Magri kien rezistenti imma maz-zmien beda jikkoopera u jattendi ghall-appuntamenti b'mod regolari. Minn Settembru 2019 jidher li kien hemm progress fis-sens li l-kampjuni tal-awrina bdew jigu negattivi ghall-eroina u kokaina u pozittivi biss ghall-kannabis. Ix-xhud ra titjib ukoll fl-istat mentali ta' Magri u fil-mod kif igib ruhu man-nies, inkluz membri tal-familja tieghu.

Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 regghet xehdet **l-ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina** li spjegat li minn meta hareg mill-programm, Jurgen

Vassallo kien iddahhal fl-Isptar Monte Carmeli, fejn gie licenzjat taht Ordni ta' Trattament fil-Komunita` f'Gunju 2020. L-imgieba tieghu wara li hareg jidher li hija stabbli u t-trattamenti qed jahdmu.

Fl-istess seduta rega' xehed **l-ufficjal tal-*Probation* Glen Grixti** li b'referenza ghal dak li kien diga` xehed qabel, stqarr li sfortunatament, jidher li Addie Magri rega' qabad it-triq tan-nizla f'dak li jikkoncerna abbuz mid-droga u l-istat ta' sahha mentali tieghu. Kien ghalhekk li ddahhal fl-isptar Monte Carmeli.

Fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2020 xehed **il-psikjatra Dr Kristian Sant** li gie nkarigat sabiex jaghmel assessjar tal-kondizzjoni psikjatrika taz-zewg imputati. Fir-rigward ta' Addie Magri, irrileva li dan jidher li ghandu *substance use disorder* severa li qed taghmillu hsara kbira fl-istat fiziku u mentali tieghu. Jurgen Vassallo, mill-banda l-ohra, jidher li ghandu dizabilita` intellettwali izda mhux afflitt minn dipendenza fuq is-sustanzi bhal Magri. Il-problema ta' Vassallo hija l-impulsivita` u n-nuqqas ta' hsieb dwar il-konsegwenzi tal-azzjonijiet u in generali, jgib ruhu b'mod immatur.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020 xehdet **il-psikologa Emma Micallef Konewko**, li ghamlet assessjar sabiex jigi stabbilit jekk l-imputat Jurgen Vassallo ghandux dizabilita` intellettwali. Mill-ezercizzju maghmul minnha, irrizulta li Vassallo ghandu *IQ score* ta' 49 li huwa baxx hafna u allura jindika li ghandu dizabilita` intellettwali. Jidher li Vassallo kien minn dejjem b'dawn il-problemi tant li jbati hafna fil-qari u l-kitba u ma gab l-ebda *O-Level*. L-espert ma eskludietx li n-nuqqasijiet intellettwali ta' Vassallo setghu ghenu biex waqa' fil-vizzju tad-droga imma ma setghatx tqis jekk l-abbbuz tad-droga kienx fattur li kkawza minnu nnifsu ghall-problem ta' konjizzjoni tal-imputat. Fil-fehma tal-espert, bil-livell ta' *IQ* tieghu, l-imputat ikollu problema jaghraf

it-tifsir veru tal-affarijiet u allura huwa suxxettibbli li jigi zvijjat minn kumpannija hazina. F'sitwazzjoni cara, huwa jista' jiddistingwi u jgharaf, imma f'sitwazzjoni li ma tkunx daqstant cara, jista' jsib diffikulta` jislet l-intenzjoni jew it-tifsira vera.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputati huma akkuzati tali ikometta serqa bil-vjolenza.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[9]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-vjolenza. Dawn qed jissemma

[9] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputati u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Ghal-finijiet ta' dak li jirrigwardja din il-kawza s-serq jikkwalifa bhal vjolenti meta hallelin jikkawza offiza fuq il-persuna.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda li tressqu**

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman[10] u WPS 41 Elaine Rizzo irrizulta li dak in-nhar ta' l-incident gie rapport li certu Joseph Vella kien infurmahom li kienu hebbu ghalih zewg persuni u kienu serquh. Ix-xhieda ikkonfermaw wkoll li kienu ircevew telefonata anonima hekk kif rapportat fl-okkorenza tal-pulizija.

Ix-xhieda stqarrew li kienu identifikaw l-imputati minn filmati li kienu gew elevati.

*"Huwa jidhru f'56.43 dawn jidhru mexjin wara l-vittma t-tnejn li huma kemm Jurgen Vassallo u kif ukoll Addie Magri. Jidhru ghaddejjin fit-triq fejn gara dan kollu."*[11]

Meta x-xhud kienet mistqosija in kontro ezami kif kien il-komportament ta' l-imputat Jurgen Vassallo, wiegbet

*"Hu fehemni perfettament. Hu qalli ezattament x'gara."*[12]

Illi dawn il-fatti gew ikkonfermati mix-xhud PC1283 Fortune Calafato[13] li ikkonferma wkoll dak li huwa rapportat fl-okkorenza tal-pulizija.[14]

---

[10] Folio 160-163 ta' l-atti processwali
[11] Folio 101 ta' l-atti processwali
[12] Folio 102 ta' l-atti processwali
[13] Folio 106-109 ta' l-atti processwali
[14] Folio 110-117 ta' l-atti processwali

Il-prosekuzzjoni esebit ir-rapport ta' l-incident.[15] Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li nhar it-3 ta' Frar 2019 ghal-habta tal-hamsa ta' filghaxija gie rraportat minn certu Joseph Vella li kien gie avvicinat minn zewg *'drogati'* u li kien jafhom bhala *"li jigi t-tifel ta' Pawlu, u l-iehor kien ir-ragel ta' Marcelle li joqghod vicin it-triq li joqghod hu cioe it-Triq il-Ponta."*[16] Skond il-vittma dawn *"qabzu fuqu, hebbew ghalih u hadulu l-kartiera u l-mobile tal-ghamla Samsung J5 ta' kulur iswed."*[17]

Ir-rapport ikompli billi jghid li iktar tard dahlet telefonata anonima fejn ghaddiet informazzjoni:

*"Din il-persuna stqarr li certu wiehed Addie mill-Isla kien qed juza u Jhajjar in-nies biex jaqbdu l-vizju tal-loghob u fejn anke kien qed juza lit-terzi persuni sabiex ikunu komplici mieghu f'reati ta' serq.*

*Hu kompla jghid li madwar saghtejn qabel ma cempel l-ghassa kien hemm Addie Magri…. . fejn dawn it-tnejn kienu hebbew ghal-ragel avvanzat fiz-zmien li kien jidher fis-sakra, fejn sahansitra kienu serqulu l-kartiera.*

*Zied jghid li kemm Addie u kif ukoll Jurgen kienu sawtu lil din il-persuna u kienu ghamlu xi griehi, u zied jghid li Addie ukoll kellu xi griehi."*[18]

Illi fuq talba tal-prosekuzzjoni gie mahtur espert, Dr. Keith Cutajar, sabiex jaghmel ezami tas-CCTV *footages* li gew elevati u johrog *stills* minnhom. Minn dan ir-rapport[19] jidhru zewg persuni fl-akkwati ta' fejn gara l-incident. Wiehed mill-persuni jidher liebes gakketta skura u barnuza bl-istrixxi filwaqt li l-persuna l-ohra tidher liebsa gakketta bajda.[20]

Il-verzjoni tal-vittma

[15] Dok EH5, Folio 15-22 ta' l-atti processwali
[16] Folio 19 ta' l-atti processwali
[17] Folio 20 ta' l-atti processwali
[18] Folio 20 ta' l-atti processwali
[19] Dok KC1, Folio 203-234 ta' l-atti processwali
[20] Folio 209-210 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Joseph Vella irrizulta li kien xhud ta' l-incident meta sehh.[21] Vella spejga li kien sejjer id-dar u

*"Gew minn warajja u kif dawwart wicci sibthom ma wicci.*

*….*

*Ma smajt xejn ghax ma tkellmu xejn. Gew wiehed minn quddiemi u wiehed minn warajja, wiehed taghni daqqa ta' ponn go wicci u l-iehor hadli l-kartiera."*[22]

Dak in-nhar ta' l-incident il-vittma Jospeh Vella kien gie muri zewgt ritratti dak in-nhar ta' l-incident ta' Addie Magri kif ukoll ta' Jurgen Vassallo u ikkonferma li dawk kienu z-zewg persuni li kienu aggredewh kif ukoll serquh.[23]

Madankollu fl-istess rapport hemm indikat *"Ta' min jghid li Joseph kien jidher li kien fi stat ta' sakra mill-mod kif beda jitkellem, u kif ukoll xi drabi beda jixengel biex jimxi."*

L-ghadha ta' l-incident il-vittma rega gie mitlub il-verzjoni tieghu peress li l-gurnata ta' qabel kien fi stat ta' sakra u xokk.

Il-vittma spejga *"li hu kien ghaddej minn gewwa Triq il-Ponta, l-Isla, fejn kien mar fuqu certu wiehed tifel ta' Pawlu, li rizulta li kien certu Jurgen Vassallo, fejn Joseph kien saqsih x'kellu bzonn. Jurgen tah daqqa ta' ponn go wiccu filwaqt li Addie li kien jinsab warajh hadlu l-kartiera. Joseph zied jghid li l-mobile kien sabu fil-butt tal-gaketta."*[24]

Meta xehed viva voce quddiem il-Qorti, il-vittma identifika l-imputati u gharraf lill-imputat Addie Magri bhala l-persuna li tah id-daqqa fuq wiccu li farrgitu u tefghatu ma l-art u li beda jigbidlu l-kartiera u li gieli rah ghax jghix

---

[21] Folio 36-49 ta' l-atti processwali
[22] Folio 37 ta' l-atti processwali
[23] Folio 20 ta' l-atti processwali
[24] Folio 21 ta' l-atti processwali

fit-triq tiegħu u jaf min hi l-mara tiegħu.[25] Fir-rigward għall-imputat Jurgen Vassallo, il-vittma irrileva li kien jaf anke min hu missieru Pawlu.

Ix-xhud jispjega u jinkonferma tul ix-xhieda tiegħu li dak inhar kien xurban, izda minkejja dan il-fatt kien cert li kienu l-imputati li serquh u seta anke jideskrivi u jiftakar hwejjeg li kienu lebsin.

*"Jien li zgur li huma. Ma hemmx dubju li huma. Kull ma gara forsi kien hemm 30 sekonda."*[26]

In kontro ezami nnega għall-aħħar li l-kartiera tiegħu waqgħet ma' l-art sforz ta' daqqa ta' ponn li ta u baqa' jtenni li kienu serquh. Vella spjega li hu beda jagħti meta dawwruh, gew ezatt miegħu u wieħed minnhom beda jigbidlu l-kartiera biex jisirquh – kien għalhekk li min-naħa tiegħu ta daqqa ta' ponn. In fatti ftit sekondi wara harbu 'l hemm bil-kartiera tiegħu.

*"Bzajt minnhom. Ippanikjajt. Kont xurban u x'naqbad nagħmel kont waħdi got-triq? Jekk qed tħoss lill-ieħor jigbidlek il-kartiera mill-but u mhux sabha mal-art."*[27]

Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien nefqa l-maggioranza tal mija u ħamsin Euro li kien hareg bihom filgħodu f'gurnata xorb.

**Ikkunsidrat**

Il-verzjoni ta' l-imputat Jurgen Vassallo

Matul is-smiegħ tal-kawza l-imputat għazel li jezercita d-dritt tiegħu li ma jagħtix xhieda tiegħu viva voce.

Illi fir-rapport tal-pulizija hemm indikat li nhar l-4 ta' Frar 2019, l-imputat kien għazel li jagħti l-verzjoni tiegħu u dan wara li kkonsulta ma l-avukat tiegħu.

L-imputat kien stqarr

[25] Folio 37 u 40 ta' l-atti processwali
[26] Folio 41 ta' l-atti processwali
[2727] Folio 46 ta' l-atti processwali

*"li l-bierah 03/02/2019, wara nofs inhar kien qieghed ma Addie Magri gewwa l-Isla, fejn f'hin minhom hekk kif kienu qedghin f'Triq id-Duluri gewwa l-Isla, u cioe' fejn kwazi joqghod Addie Magri, dan qallu biex jisirqu kartiera ta' wiehed ragel li kien ghaddej mill-imsemmija triq, fejn f'hin minnhom Addie mar fuq dan ir-ragel u hataflu l-kartiera minn gol-gaketta, fejn dan ir-ragel ta daqqa ta' ponn lil Addie, u Addie tah daqqa ta' ponn lura.*

*Jurgen Vassallo stqarr li huwa fl-ebda hin ma refgha jdjeh fuq dan ir-ragel, izda kien propju Addie Magri li aggredih dan ir-ragel.*

*Meta gie mistoqsi fejn kienet tinsab din il-kartiera, huwa stqarr li din il-kartiera li kienet ta' lewn iswed kien zamma Addie u huwa kien tah l-ammont ta' 20 euro biss mill-flus li kien hemm fiha. Meta gie mistoqsi kemm kien hemm ammont f'din il-kartiera, huwa stqarr li ma kienx jaf bl-ezatt.*

*Jurgen stqarr li wara dan kollu, Addie telaq jigri ghal rasu n-naha ta' fejn joqghod huwa, u hu telaq jigri lejn il-pjazza tal-Isla, fejn wara huwa reggha mar fejn joqghod Addie u dan tah l-ammont ta' 20 euro."*[28]

Mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ghal xi raguni ma esebitx l-istqarrija ta' l-imputat Jurgen Vassallo u lanqas intalbet li tigi prodotta mill-Avukat Generali u dan minkejja l-fatt li gie esebit id-dokument li juri li l-imputat inghata l-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew jitkellem fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha. Fil-fatt f'dan il-kaz, l-imputat kien iddikjara li ser jezercita dan id-dritt u ikkonsulta ma l-avukat Dr. Charmaine Cherret.[29]

**Ikkunsidrat**

<u>Il-verzjoni ta' Addie Magri</u>

---

[28] Folio 21 u 22 ta' l-atti processwali
[29] Dok EH8, Folio 27 ta' l-atti processwali

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[30] ta' l-imputat Addie Magri ittiehdet nhar l-4 ta' Frar 2019, u cioe l-ghada ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Bormla fl-ufficju ta' l-Ispettur Eman Hayman fil-prezenza ta' PC 213 G Margri u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata l-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghal-ewwel iddikjara li mhux ser jezercita dan id-dritt u irrinunzja ghalih[31] izda ftit tal-hin wara iddikjara li ser jezercita dan id-dritt u ikkonsulta ma l-avukat Dr. Christopher Chircop fuq it-telefon filwaqt li ma attendiex ghall-interogazzjoni.

Illi fl-istqarrija, l-imputat Addie Magri ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu u ma jirrizulta xejn stante li l-imputat ghazel li ma jwiegibx ghall-ebda domanda li saritlu.

**Ikkunsidrat**

Id-difiza ta' l-imputati talbet sabiex issir ezami psikjatrika fuq l-imputati sabiex jigi determinat il-livell intelletwali taghhom u kif din timpingi fuq ir-reati li wettqu.

Ghal dan il-ghan l-imputati gew ezaminati mill-psikjatra Kristian Sant u t-tabiba Dr. Emma Micallef Kowenko.

---

[30] Dok EH6, Folios 23-24 ta' l-atti processwali

[31] Dok EH9, Folio 28 ta' l-atti processwali

Minn ezami ta' l-imputat Addie Magri irrizulta li l-imputat ghandu vizzju sever tad-droga, partikolarment l-eroina u l-kannabis tant li l-uzu tad-droga kienet qed taffetwalu s-stat mentali tieghu xi drabi[32].

Minn ezami[33] ta' l-imputat Jurgen Vassallo irrizulta li filwaqt li l-imputat ukoll jaghmel uzu mid-droga, id-djanjozi tieghu hija iktar kumplessa stante li ibaghti minn dizabilitajiet intelletwali. L-effett ta' dan huwa li *"jsibha difficli biex japprezza l-konsegwenzi ta' certu ghemil u anke jgib ruhu b'mod immatur jekk nistghu nghidu."*[34]

Fuq mistoqsija tal-Qorti stess dwar il-kapacita ta' l-imputat li jaghraf bejn it-tajjeb u l-hazin, l-espert stqarr:

*"Ha jkun hemm mumenti fejn hu igib ruhu b'mod immatur jigifieri ma jharisx lejn il-konsegwenzi ta' certu ghemil tieghu imma ikun hemm certu aspetti fejn jista' jkun li jifhem u certu aspetti li le bhal per ezempju meta staqsejtu biex nara jekk jifhimx il-process tal-Qorti hu fehmu l-process tal-Qorti. Jigifieri minn dak l-aspett hu ha jkun hemm mumenti fejn jifhem certu imma jista' jkun li jiehu certu decizjonijiet mghaggla."*[35]

Bhala konkluzjoni tad-djanjosi mit-tabib Dr. Kristian Sant, gie kalibrat li l-imputat Jurgen Vassallo ghandu *"huwa mild to moderate jigifieri li hu jgib ruhu b'mod immatur li ma jarax il-konsegwenzi, li d-decizjonijiet ikunu mghaggla."*[36]

Minn ezami li sar ta' l-intellet ta' l-imputat Jurgen Vassallo mit-tabiba Dr. Emma Micallef Kowenko[37] irrizulta li ghandu IQ ta' 49 li skond ix-xhud *"hija baxxa hafna."*[38] L-espert tispjega li

[32] Dok KC1, Folio 301-306 ta' l-atti processwali
[33] Dok KC2, Folio 307-314 ta' l-atti processwali
[34] Folio 295 ta' l-atti processwali
[35] Folio 297 ta' l-atti processwali
[36] Folio 299 ta' l-atti processwali
[37] Dok EMK1, Folio 327-344 ta' l-atti processwali
[38] Folio 319 ta' l-atti processwali

*"hu ha jkollu problemi jgharaf min qed isaqsieh jekk hux qieghed jaghmel xi haga tajba jew le, so he is going to be susceptible, to people leading him astray, possibly. He is not going to be to, sorry qed nispjega bl-ingliz, he's not going to be able to tell the difference between what is an exaggerated claim, and what is the truth. So, to give you an example, if someone told him, come let's take this bag of this lady, because we're going to help her with her shopping, and the other person's intention is to steal the bag, he will go along with it."*[39]

Mistoqsija mill-Qorti: *"Imma jekk xi hadd jghidlu, ejja ha nisirqu, dik jista' jifhimha jew le?*

*Xhud: That, I think he should be able to understand."*

…

*Qorti: Jekk tkun cara s-sitwazzjoni, jiddistingwi u jgharaf, imma jekk mhux cara, jista' jkun influwenzat, ghax mhux qed jaghraf x'inhu l-kaz vera.*

*Xhud: Ezatt"*[40]

In kontro ezami meta x-xhud kienet mistoqsija jekk l-imputat kienx kapaci jgharaf bejn it-tajjeb u l-hazin stqarret *"ma taghmilx differenza minn IQ, jigifieri, it's more of a moral question."*[41]

Il-Qorti tqis li din l-evidenza u r-rapport bhala relevanti ghal din li-kawza. Il-Qorti taghmel referenza ghal awtur **ARCHBOLD 2021**[42] fejn ghal dak li jikkoncerna provi dwar is-stat ta' intelletwali ta' persuna jinghad:

*In **Masih [1986] Crim.L.R. 395** , the Court of Appeal expressed the view that if a defendant came into the class of mental defective, with an I.Q. of 69 or below, then in so far as that fact was relevant to the particular case it might be that expert evidence*

[39] Folio 321 ta' l-atti processwali
[40] Folio 322 ta' l-atti processwali
[41] Folio 325 ta' l-atti processwali
[42] Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2021, 4-396, Page 540

*should be admitted about it. That was in order to enlighten the jury about a matter that was abnormal, and therefore, ex hypothesis, presumably outside their experience. If admitted, such evidence should be confined to an assessment of the defendant's I.Q. and to an explanation of relevant abnormal characteristics which such an assessment involved. The court also expressed the view that when the defendant was within the scale of normality, albeit at the lower end, expert evidence is not as a rule necessary and should be excluded.*

*In* ***Toner (1991) 93 Cr. App. R. 382, CA*** *, while acknowledging that medical evidence is entirely inappropriate where the task of the jury is to determine the intent of an ordinary man who is not afflicted by any medical condition, physical or mental, permanent or transient, the court held that evidence as to the effect of a medical abnormality (a mild attack of hypoglycaemia) on the mental processes of a person suffering such an attack was admissible.*

***Masih*** *and* ***Toner*** *were considered in* ***Henry [2005] EWCA Crim 1681; [2006] 1 Cr. App. R. 6*** *. There had been no relaxation of the rule in Masih that expert evidence as to the effect of a defendant's intellectual impairment on his formation of mens rea was admissible only where the defendant was in the class of mental defective, i.e. having an I.Q. of 69 or below; the cutoff point of 69 had been criticised as arbitrary, but it had psychological significance and it had the advantage of being a clean rule, even if a stringent one. Toner was concerned with a medical matter outside the ordinary experience of a jury, and therefore* ***Masih*** *and* ***Toner*** *were on different sides of an identified line and consistent with each other. The court conceded that there had, however, been an increased willingness to admit expert evidence as to intellectual impairment in relation to the reliability of confession evidence (as in* ***Silcot****t , below).*

*In* ***Silcott, The Times, 9 December 1991, CA*** *, it was held that:*

*(a)the circumstances to be considered by a trial judge when hearing submissions under s.76(2)(b) of the PACE Act 1984 as to the admissibility of a confession (see § 15B-23) include the mental condition of the defendant; and*
*(b)the decision is to be taken on medical evidence rather than the trial judge's own assessment of the defendant in interview.*

*The court was not attracted to the concept that the judicial approach to submissions under s.76(2)(b) should be governed by which side of an arbitrary line, whether at 69 or 70, or elsewhere, the I.Q. of the defendant fell. It drew attention to the definition of "mentally handicapped" in s.77 of the 1984 Act , which includes "significant impairment of intelligence and social functioning" (see § 15B-19). The court also rejected a suggestion that whereas psychiatric or psychological evidence might be admissible for the purposes of a voir dire being conducted by a judge alone, it would not be admissible before the jury if the judge admitted the challenged evidence.* ***Silcott*** *was followed in* ***Ward (1993) 96 Cr. App. R. 1, CA .***

Jirrizulta ghalhekk li anke meta kkomparat mat-test Ingliz l-I.Q. ta' 49 ta' l-imputat ta' Jurgen Vassallo hija baxxa u taqa taht il-linja gwida tat-test Ingliz li jistabiliha bhala I.Q 69.

Illi ssir referenza wkoll ghal-kaz **Coles [1995] 1 Cr. App. R. 157, CA**, fejn l-awtur Archobold jispjega[43]

*"the appellant had been convicted of an offence of arson, being reckless as to whether life would be endangered. The court rejected an argument to the effect that a lack of appreciation of the relevant risks on the part of the appellant was a relevant consideration and, accordingly, held that evidence from a psychologist as to the*

[43] Ibid Archobold 2021, 4-396, Folio 541

*capacity of the appellant to foresee the risks involved in his actions had been rightly excluded as irrelevant. Furthermore, the excluded evidence of the psychologist was not evidence of any abnormality of the mind of the appellant but related to characteristics which could be competently evaluated by a jury without expert assistance. Adolescents of varying stages of maturity and brightness are all within the common experience of jurors. The court pointed out that in* ***Silcott*** *the question was whether evidence of certain mental characteristics was admissible in respect of the admissibility of, or weight to be attached to, a confession and the decision did not purport to bear on the admissibility of such evidence on any issue of a defendant's mens rea. Unless some facet of the mental health or psychiatric state of the defendant is raised, such evidence is inadmissible in that context.*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti, jirrizulta li l-prosekuzzjoni qeghdin jistriehu principalment, jekk mhux unikament, fuq ix-xhieda tal-parte civile biex jipprovaw il-kaz taghhom filwaqt li x-xhieda tieghu qed tigi kkoroborata bi provi dokumentarji ohra bhas-CCTV *footage.* Meta l-prosekuzzjoni taghzel li tistrieh fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, hija ggorr il-piz li trid tipprova li dik ix xhieda hija wahda kredibbli u soddisfacenti u li ma ggorrx maghha dubji ragonevoli.

Huwa risaput li "*hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti*" (**Pulizija vs Paolo Farrugia,** App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat*" (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)). Naturalment, mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat: id-dubju irid

ikun wiehed dettat mir-raguni (**Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** [App. Krim. 7.9.1994]).

Illi filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-provi principali tal-parte civile sabiex tipprova l-kaz taghha, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali.

> *(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed biss hija emmnuta tista tikkonstata prova bizzejjed. Illi dan il-principju gie ritenut fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[44]

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Madankollu kif gie spejgat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[45]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

---

[44] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Lulju 2003

[45] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-10 ta' Novembru 2014

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[46]

> *" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Il-Qorti ghalhekk fl-ezami ta' dak kollu li ghandha quddiemha trid tara u tqis jekk hemmx provi bizejjed sal-grad rikjest mill-ligi kif tipprovdi l-gurisprudenza taghna. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[47] u cioe':

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Illi mill-atti jirrizulta li fil-mument ta' l-incident, il-parte civile kien xurban. Madankollu kien car meta identifika lill-imputati li kien jaf minn huma u kien ekwivoku dwar kif gara l-incident. Meta l-parte civile gie mitkellem dak in-nhar ta' l-incident, l-ghada ta' l-incident u meta ta x-xhieda tieghu viva voce l-Qorti kien konsistenti fid-deskrizzjoni tax-xhieda, kif kienu, x'kienu lebsin, min wettaq xiex u kif sehh ir-reat. Filwaqt li l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li kien xurban, tqis li l-verzjoni moghtija mill-parte civile hija, fil-preponderanza tal-provi prodotti, verosimili u konsegwentement il-Qorti ihossha moralment konvinta li tista tistrieh fuq ix-xhieda tal-parte civile bhala xhieda li ghandha mis-sewwa.

**Ikkunsidrat**

[46] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-6 t'Ottubru 2016
[47] 1974 – 2 ALL ER 372

Mill-banda l-ohra, il-Qorti trid tikkunsidra jekk il-mens rea ta' l-imputati kienitx ippruvata mill-prosekuzzjoni u jezistitx l-element formali tar-reat. Illi l-Qorti ezaminat fid-dettal l-ezamijiet li saru mill-esperti.

Minn dawn gie ikkonstata li z-zewg imputati ibaghtu mill-vizzju tad-droga u li fil-kaz ta' Jurgen Vassallo ibaghti minn dizabilita intelletwali u IQ baxxa.

Id-difiza tikontendi li a bazi ta' dawn il-fatti ma jirrizultax il-mens rea li l-imputati riedu iwettqu dan ir-reat.

Il-Qorti tibda billi tosserva li d-difiza ta' l-imputati f'ebda stadju ma ressqu xi talba li l-imputati mhumiex kapaci iwiegbu ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom jew li mhumiex kapaci isegwu l-proceduri tal-Qorti jew li japplika ghalihom l-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali. In fatti, f'dan il-kaz irrizulta li l-imputati sahansitra wiegbu hames darbiet ghall-akkuzi kontra taghhom u l-esperti medici ikkonfermaw li fil-kaz ta' Jurgen Vassallo kien qed jifhem il-proceduri tal-Qorti.

Aparti minn hekk jirrizulta wkoll li l-imputati matul dawn il-proceduri baqghu jabbuzaw mid-droga b'mod frekwenti u filwaqt li d-droga hija vizzju , il-fatt li baqghu b'mod volontarju ifittxu li jiehdu d-droga juri li huma baqghu jaghmlu dawn l-ghazliet minn jeddhom minflokk indirizzaw din il-problema.

Il-kwistjoni ghalhekk iddur dwar il-fatt jekk, partikolarment, fil-kaz ta' Jurgen Vassallo hemmx xi eskapulazzjoni ta' ghemil in vista tal-fatt li ibati minn xi forma ta' disabilita' intelletwali.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **R vs Atkinson**[48] fejn l-awturi Janet Dine u James Gobert fil-ktieb taghhom **Cases and Materials on Criminal Law**[49] jghidu:

---

[48] [1985] Crim LR 314, Qorti tal-Appell Kriminali
[49] Oxford University Press, Fourth Edition, 2003

*"The appellant, aged 18, together with other youths stole spirits which they drank and later burgled a house occupied by a 77 year old woman, who disturbed them and shouted for help. The appellant threatened to kill her if she did not stop shouting, punched her in the back of the head and then beat her including stamping on her face and she died of a fractured skull. In February 1984 he was tried on a charge of murder. He did not give evidence and a defence of diminished responsibility was advanced. Medical evidence was that he had grossly arrested or retarded development of mind that alcohol had played a part in the events. The jury was directed to pose themselves the questions, first, whether they thought it more probable than not at the time of the killing his responsibility was substantially impaired by the fact that he was suffering from arrested or retarded development; and, if they thought that drink had something to do with it, secondly, whether that was the substantial cause, the root cause, of his inability to control himself at the time of the killing. He was convicted of murder."*[50]

Permess ta' dan il-kas issir distinzjoni bejn "*abnormality of mind*" u "*insanity of mind*". Filwaqt li jista jmergi evidenza medika ta' forma ta' *abnormaility of mind* dan ma jfissirx awtomatikament li rrendi persuna mhux kapaci terfa responsibility ta' ghemilha jew tifhem jew taghmel l-ghazliet opportuni.

Illi fil-kaz **R v Byrne**[51] kien inghad mill-Imhallef Parker CJ

*"'Abnormality of mind' which has to be contrasted with the time-honoured expression in the M'Naughten Rules 'defect of reason', means a state of mind so different from that of ordinary human beings that the reasonable man would term it abnormal. It appears to us to be wide enough to cover the mind's activities in all its aspects, not only the perception of physical acts and matters, and the ability to form a rational judgment as to whether an act is right or wrong, but also the ability to exercise will power to control physical acts in accordance with that rational judgment. The*

[50] Folio 218 tal-ktieb
[51] [1960] 2 QB 396, Qorti tal-Appell Kriminali

*expression 'mental responsibility for his acts' points to a consideration of the extent to which the accused's mind is answerable for his physical acts which must include a consideration of the extent of his ability to exercise will power to control his physical acts.*

*Whether the accused was at the time of the killing suffering from any 'abnormality of mind' in the broad sense which we have indicated above is a question for the jury. On this question medical evidence is no doubt of importance, but the jury are entitled to take into consideration all the evidence, including the acts or statements of the accused and his demeanour. They are not bound to accept the medical evidence if there is other material before them which, in their good judgment, conflicts with it and outweighs it."*

Illi di piu t-test uzat sabiex jigi determinat jekk jezistix *abnormality of mind* huwa li rrid ikun *substantially impaired*.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **R v Lloyd**[52] fejn gie rilevat:

*"…your own common sense will tell you what it means. This far I will go. Substantial does not mean total, that is to say the mental responsibility need not be totally impaired, so to speak, destroyed altogether. At the other end of the scale substantial does not mean trivial or minimal. It is something in between and Parliament has left it to you… to say on the evidence: was the mental responsibility impaired, and, if so, was it substantially impaired?"*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li mill-informazzjoni li l-imputat Jurgen Vassallo ta lill-pulizija, liema informazzjoni qatt ma giet ikkontestata mid-difiza, irrizulta li l-imputat kien jaf li l-iskop ta' l-involviment tieghu kien sabiex jisirqu lil Joseph Vella. In fatti mill-informazzjoni li ta, wara li s-serqa sehhet u harbu f'direzzjonijiet opposti, Vassallo mar u rega ltaqa' ma Magri sabiex jghaddilu sehemu mis-serqa u ha f'idejh l-ammont ta' ghoxrin Euro.

[52] [1967] 1 Q.B. 175, 50 Cr. App. R. 61, CCA

Illi anke fir-rigward ta' Addie Magri, ghalkemm gie allegat li l-imputat ghandu jibbenefika minn xi forma ta' *diminished responsibility* minhabba l-IQ baxx tieghu, u li sahansitra gie allegat li huwa ma jifhimx sewwa sew dak li jkun qed jaghmel – konsegwenza tal-kapacita' intelletwali tieghu maghduda mal-uzu tad-droga – din il-Qorti tqis li dak li tallega d-difiza ma jidholx fil-parametri ta' dak li qed jallegaw. Din il-Qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Omissis*** deciza fit-22 ta' Marzu 2017[53] fejn inghad hekk:

> **24.** *L-aħħar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li l-każ tiegħu għandu jitqies bħala wieħed ta' diminished responsibility, li għandu japplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, u li l-piena għandha tkun waħda minima.*
> **25.** *Meta l-ewwel Qorti ġiet biex tikkunsidra l-piena qalet:*
>
> ***"Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat fit-tul il-kundizzjoni mentali tal-imputat u f'dan ir-rigward strahet fuq dak li rrizultalha mir-rapport tal-esperti psikjatrici minnha mahtura u qablet mal-konkluzjonijiet taghhom u kwindi ma jidhrilhiex li bniedem li gie ritenut li jagixxi b'mod impulsiv u minghajr ma jahseb dwar il-konsegwenzi ta' eghmilu jista' la jigi ezonerat mir-responsabilita` kriminali ghall-agir tieghu u l-anqas mill-konsegwenti piena stabbilita specjalment meta wiehed jikkunsidra il-gravita` tar-reati li taghhom qed jinstab hati u l-eta` zghira u l-vulnerabilita` tal-vittma. Il-Qorti sejra ghalhekk timponi piena karcerarja effettiva izda mhux fil-massimu u qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinzamm fil-Forensic Unit tal-isptar Monte Carmeli sabiex huwa jinghata l-kura mehtiega ghall-kundizzjoni li ghandu."***

[53] Appell Numru 405/2013 moghtija mill-Onor. Imhallef David Scicluna

**26.** *Din il-Qorti wkoll ikkunsidrat ir-rapporti ta' l-esperti nominati mill-ewwel Qorti kif ukoll il-konstatazzjonijiet magħmula mix-xhieda prodotti mill-appellant. Filwaqt illi tapprezza x-xogħol kollu li sar u li qiegħed isir minn, fost oħrajn, il-psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio ma' l-appellant, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti.*

**27.** *L-appellant jirreferi għall-kunċett ta' diminished responsibility u jirreferi għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Raymond Vella****. Minn dik is-sentenza jirriżulta li l-appellant f'dak il-każ instab li fil-mument ta' l-allegati reati kien ibati minn kondizzjoni kronika ta' manic depressive psychosis ta' entita` tali li hu ma kienx jista' jikkontrolla l-impuls tiegħu, fis-sens li l-kapacita` tiegħu ta' għażla kienet serjament menomata. "Tali menomazzjoni serja tfisser li, minħabba marda tal-mohh, l-appellat kien nieqes mill-liberta` tal-għażla fl-aġir tiegħu. Dan jammonta għall-istat kontemplat mill-liġi fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali, jigifieri stat ta' ġenn."*

**28.** *Il-każ tallum huwa differenti. L-esperti psikjatri nominati mill-ewwel Qorti, kif diġa` indikat supra f'paragrafu 18, sabu li ma jidhirx li [l-appellant] kien qed ibati minn mard ta' ġenn f'termini tal-liġi fil-ħin tal-allegat reat; li għalkemm jidher li jbati minn problema ta' impulsivita` u livell konjittivi fil-livell ta' borderline intelligence ma jidhirx li għandu problema biex jifhem o meno l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih; u li jifhem ukoll il-gravita` o meno ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u jista' jirrispondi għalihom. Barra minn hekk mill-provi, u senjatament ix-xiehda tal-minuri, jidher li dak li għamel l-appellant lill-minuri kien ippjanat minnu. Hawn il-Qorti sejra tirriproduċi bran mix-xiehda tagħha li jirrispekkja proprju dan:*

*"Sejrin lejn id-dar, u qalli: 'Il-karozza bil-ħsara'. Għidtlu: 'X'għandha?', jiena. Qalli: 'Qed taraha din il-bozza?' Għidtlu: 'Ma nafx. Ma nifhimx jiena." Qalli:*

*'Ħa mmur sal-garaxx', qalli, 'inġib l-għodda.' Għidtlu: 'Għamel li trid' jiena hux. U morna l-garaxx Ħaż-Zabbar stess, u waasalna l-garaxx, u daħal bil-karozza ġol-garaxx b'kollox u għalaq il-bieb. Ġol-garaxx m'hemmx dawl, hemm qisu shaft u qisha mat, u jiġifieri bniedem tara d-dell tiegħu għax m'hemm xejn xejn dawl. U beda resaq, le, qalli: 'Inżel', qalli, 'għandi karozza sabiħa'. U jien jogħġbuni l-karozzi u qalli: 'Ejja arah ġewwa u ara kemm hu sabiħ'. U ġewwa kien vojt, Escort kien ... Xejn ma kien fih, body biss ta' barra. U qalli: 'Sabiħ, hux.' Imma għidtlu: 'Ġewwa ma fih xejn', jiena. U mbagħad qalli: 'Stenna naqra taf ħa nġib l-għodda'. U rajtu sejjer hekk. Għidt dan x'inhu jagħmel, jien qiegħed sejjer hekk, u neża' minn ... qaddu 'l isfel."*

**29.** *Filwaqt illi sa ċertu punt l-appellant jista' jitqies bħala persuna vulnerabbli, iċ-ċirkostanzi li fihom wettaq ir-reati li tagħhom instab ħati ma jwasslux lil din il-Qorti tikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.*[54]

Illi ghalhekk, inkluz fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti u fid-dawl ta' dak li jghid l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilhom jipprovaw il-kaz taghhom sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-ewwel imputazzjonijiet u sejra taghddi sabiex issib lill-imputati t-tnejn hatja ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni - Griehi ta' natura hafifa**

[54] *Ibid.*, Ara Pagni 12-13

Illi kif spejgat hawn fuq, il-vittma Joseph Vella identifika l-imputati u gharraf lill-imputat Addie Magri bhala l-persuna li tah id-daqqa fuq wiccu li farrgitu u tefghatu ma l-art filwaqt li kien qed jigi assist mill-imputat Jurgen Vassallo.

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku tal-vittma Joseph Vella data 3 ta' Frar 2019 mit-tabib Dr. Anton Tran Med Reg: 5900 li bih jindika li l-vittma soffra griehi hfief.[55]

Madankollu, minkejja diversi talbiet mill-Avukat Generali fil-rinviji tieghu sabiex jixhed it-tabib Dr. Anton Tran, fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2020, il-prosekuzzjoni iddikjara *"li minkejja diversi tentattivi Dr. Anton Tran sal-lum ghadu ma jistax jinstab, ghaldaqstant qed jirrinunzja ghal dan ix-xhud stante illi griehi huma kkonfermati minn diversi xhieda, inkluz il-vittma u certifikat mediku."*[56] Illi dan rega gie ikkonfermat fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2020.[57]

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis Fenech** (deciza mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2005) fejn dik l-Onorabbli Qorti tghallem li:

*"sabiex issir prova skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi ta' offiza fuq il-persuna, mhuwiex essenzjali li jkun hemm dejjem u f'kull kaz certifikat mediku jew deposizzjoni ta' tabib. Naturalment tali certifikat jew deposizzjoni jistghu jkunu mehtiega biex jigi determinat jekk verament kienx hemm offiza fuq ilpersuna u/jew it-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fi kliem iehor, tali prova tista' tirrizulta aliunde minghajr il-htiega li bil-fors jigi prodott espert mediku jew certifikat mediku f'kull kaz bhal dak in ezami".*

Anke kif jinghad fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appel Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Farrugia** (deciza fit-30 ta' Mejju 2019) dik il-Qorti tghallem illi:

[55] Folio 25-26 ta' l-atti processwali
[56] Folio 197 ta' l-atti processwali
[57] Folio 244 ta' l-atti processwali

*"Illi din il-Qorti ma thossx li certifikat mediku ghandu jigi dejjem konfermat bil-gurament sabiex jintuza bhala prova pero' f'kaz li ikun hemm allegazzjonijiet ohra bhal per esempju dati differenti, post fejn sar l-esami ma jkunx l-istess, nuqqas ta' deskrizzjoni ta' feriti jekk humiex hfief jew gravi, ma xhiex huma kompatibbli l-feriti' jekk humiex friski jew le jkun hemm bzonn li it-tabib jitharrek bhala xhud sabiex iwiegeb ghal dawn id-domandi bl-intiza li tali prova dokumentarja ma thalli l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant u ikun jista' jitnrabat mal-provi l-ohra biex tinholoq katina shiha."*

Fil-kaz in dezamina jidher li c-certifikat mediku li gie pprezentat (izda mhux mahluf) jikkombacja mal-feriti deskritti mill-parte civile Joseph Vella. Jidher li l-feriti jikkombacjaw ukoll mad-deskrizzjoni tal-fatti moghtija mill-istess Vella, liema verzjoni ma gietx kontradetta mix-xhieda ta' xi persuna ohra.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li jghid l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti hija ghalhekk konvinta li l-imputat Addie Magri huwa hati tat-tieni imputazzjoni filwaqt li l-imputat Jurgen Vassallo mhuiex hati tat-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni - Ksur ta' Ordni ta' Probation**

L-imputat Jurgen Vassallo gie mressaq tali kiser Ordni ta' Probation u dan wara li kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn Dr. Charmaine Galea nhar il-21 ta' Frar 2018.

Il-Qorti esebit zewg sentenzi bhala prova tar-recidiva fil-konfront ta' Jurgen Vassallo decizi nhar is-16 ta' Frar 2018 u 7 ta' Frar 2019 mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea.

Illi fis-sentenza tas-16 ta' Frar 2018, Jurgen Vassallo gie misjub hati fuq ammissjoni tieghu u tqighed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mis-sentenza.

Fis-sentenza tar-7 ta' Frar 2019, l-istess Qorti kif kienet diversament preseduta estendiet l-Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) minn dik id-data.

Il-Qorti tosserva li l-imputazzjoni kif imressqa kontra l-imputat Jurgen Vassallo ggib id-data tas-sentenza bhala l-**21** ta' Frar 2018. Illi din hija wkoll l-istess data registrata fil-fedina penali.

Is-sentenza registrata fil-fedina penali taghmel referenza ghall-akkuza nhar id-29 ta' Settembru 2017 ghal-habta tal-11.50hrs gewwa l-Ghassa tal-Bormla *"Kellek hsieb li taghmel hsara lil Helme Djelassi, akkuzajt lil dik il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kont taf li dik il-persuna hija nnocenti u dan bi ksur ta' artikolu 101 tal-Kap 9."*[58]

Illi fis-sentenza esebita jirrizulta l-istess reat, bl-istess fatti, l-istess sentenza preseduta mill-istess Qorti. L-unika differenza hija li d-data tas-sentenza indikata fuq dik esebita l-Qorti hija dik tas-**16** ta' Frar 2018 (minflokk **21** ta' Frar 2018). Is-sentenza esebita hija wkoll ittimbrata bhala vera kopja ta' l-original u ffirmata mid-Deputat Registratur Diane Gatt.[59]

[58] Folio 12 ta' l-atti processwali
[59] Folio 51 u 52 ta' l-atti processwali

Illi tul il-smiegh tal-kawza, l-Avukat Generali permess tar-rinviju datat 22 ta' Marzu 2019 talab korrezzjoni tal-komparixxi sabiex it-tielet imputazzjoni s-sentenza ta' liema ssir referenza tinqara **16** ta' Frar 2019.[60]

Konsegwentement nhar il-25 ta' Marzu 2019, il-prosekuzzjoni esebiet mill-gdid, bil-gurament, komparixxi b'din il-ammenda. Wara li z-zewg imputati taw ruhhom bhala notifikati, sar l-ezami tal-imputati mill-gdid fejn ddikjaraw li mhumiex hatja.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li dan ir-reat gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

In adizzjoni ghal dak imsemmi hawn fuq, il-prosekuzzjoni esebit sentenza fil-konfront ta' l-imputat Addie Magri.[61] Illi permess ta' din is-sentenza, l-imputat Addie Magri instab hati u kkundannat multa ta' mitejn Euro.

Illi mix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech[62] gie kkonfermat li l-multa thallset kollha u gie esebit dokument bhala prova.[63]

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-addebitu tar-recidiva giet ipprovata biss fil-konfront ta' Addie Magri u mhux ta' Jurgen Vassallo u sejra tghaddi sabiex tikkunsidra fl-ghoti tas-sentenza.

[60] Folio 88 ta' l-atti processwali
[61] Dok EH10, Folio 164 ta' l-atti processwali
[62] Folio 249-251 ta' l-atti processwali
[63] Dok MDF1, Folio 252-253 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali taz-zewg imputati.

  Mil-fedina penali ta' Addie Magri jirrizulta li l-imputat ghandu diversi sentenzi registrati kontrih u li whud minnhom jirrigwardaw offizi relatati mad-droga, sewqan, u spergur izda mhux fir-rigward offizi relatati ma dawk li bihom huma mressqin. Fir-rigward il-fedina penali ta' Jurgen Vassallo jinsab registrat sentenza wahda ghar-rigward denunzja falza u xejn iktar.

- Illi l-imputat Jurgen Vassallo tqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni Temporanja nhar il-21 ta' Frar 2019 ghal tul is-smiegh tal-kawza, b'tali mod li ufficjal tal-Probation kienet qed tirraporta lill-Qorti minn zmien ghal zmien dwar l-andament ta' l-imputati. L-ufficjal kien infurmat lill-Qorti li Vassallo kien jaghmel uzu mid-droga u kien nieqes minn struttura fil-komunita'. Filwaqt li kien jghix ma missieru kien nieqes minn supervizjoni barra mid-dar fejn kien iqatta hafna hin f'kumpannija negattiva li kienet tinfluwenzah b'mod hazin. Madankollu ghalkemm kien qed jigi segwit u jinghata ghajnuna, il-problemi varji tieghu ma kienux qed jigu indirizzati mill-imputat u xorta baqa jabbuza mid-droga. L-ufficjal osservat ukoll li *"Meta tkellmu hu jifhem l-affarijiet u jirrispondi lura d-domandi pero' hemm diffikulta' biex hu jaghraf il-konsegwenzi perezempju tal-imgieba tieghu."*[64] Gie osservat ukoll li matul dan il-perjodu qatt ma kien kapaci jew lest li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni u li fi zmien minnhom kien anke dahhal l-

[64] Folio 104 ta' l-atti processwali

isptar Monte Carmeli ghal kura. Tul iz-zmien kollu li kien taht sorveljanza baqa jaghmel uzu mid-droga u saru djanjozi minn esperti sabiex dejjem jaraw kif jistghu jghinnuh. Madankollu l-ghajnuna kollha li tista tigi offruta lilu hija limitata minhabba l-vizzju tad-droga li baqghet tippersisti.

- L-imputat Addie Vassallo tqieghed ukoll taht Ordni ta' Supervizjoni Temporanja nhar il-21 ta' Frar 2019 ghal tul is-smiegh tal-kawza, b'tali mod li ufficjal tal-Probation kienet qed tirraporta lill-Qorti minn zmien ghal zmien dwar l-andament ta' l-imputat. Illi tul il-perjodu ta' supervizjoni rrizulta li l-imputat kellu storja twila ta' abbuz mid-droga partikolarment id-droga eroina li baqghet tul is-smiegh tal-kawza u minkejja li kien qed jigi segwiet, l-imputat xorta baqa ma indirizzax il-problemi varji li kellu u qatt ma kien kapaci jew lest li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni. Madankollu, l-imputat biz-zmien beda jesperjenza inqas episodji li fihom kien qed ihossu mdejjaq u kien qed ikun iktar kalm u stabbli fl-imgieba tieghu.

- Illi skont **Archbold 2021 – Sentencing Guidelines Supplement 2021** gie ritenut:

*A tested 'intelligence quotient' (IQ) is often used to indicate severity – mild, moderate, severe. Average intelligence is taken as 80-120. A person with severe generalised intellectual disability mental will have a tested IQ under 35, and cannot live independently. In varying degrees those with moderate (IQ 35-49),*

*mild (IQ 50-69) or borderline ID (IQ 70-80) can live independently, but are particularly vulnerable if they enter the criminal justice system.* [65]

*In the context of sentencing a broad interpretation of the terms "mental disorder" and "learning disabilities" should be adopted to include:*[66]

*•Offenders with an intellectual impairment (low IQ);*
*•Offenders with a cognitive impairment such as (but not limited to) dyslexia, attention deficit hyperactivity disorder (ADHD);*
*•Offenders with an autistic spectrum disorder (ASD) including Asperger's syndrome;*
*•Offenders with a personality disorder;*
*•Offenders with a mental illness.*

*Offenders may have a combination of the above conditions.*

*Sentencers should be alert to the fact that not all mental disorders or learning disabilities are visible or obvious.*

*A mental disorder or learning disability can affect both:*
*1.the offender's responsibility for the offence, and*
*2.the impact of the sentence on the offender.*

*The court will be assisted by a PSR and, where appropriate, medical reports (including from court mental health teams) in assessing:*

*1.the degree to which a mental disorder or learning disability has reduced the offender's responsibility for the offence. This may be because the condition had*

[65] Folio 900
[66] Archbold 2021: Sentencing Guidelines, 2nd edition to the 2021 edition – S-A.42, Folios 1072-1073

*an impact on the offender's ability to understand the consequences of their actions, to limit impulsivity and/or to exercise self-control.*

•*a relevant factor will be the degree to which a mental disorder or learning disability has been exacerbated by the actions of the offender (for example by the **voluntary** abuse of drugs or alcohol or by **voluntarily** failing to follow medical advice);*

•*in considering the extent to which the offender's actions were voluntary, the extent to which a mental disorder or learning disability has an impact on the offender's ability to exercise self-control or to engage with medical services will be a relevant consideration.*

*2.any effect of the mental disorder or learning disability on the impact of the sentence on the offender; a mental disorder or learning disability may make it more difficult for the offender to cope with custody or comply with a community order.*

- Il-Qorti tara li tul dan il-kaz l-imputati baqghu jabbuzaw mid-drogi eroina u kannabis b'mod frekwenti u ma indirizzawx din il-problema.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala: *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputati izda trid ssib bilanc bejn il-gravita tal-kaz u l-harsien u l-interessi tas-socjeta in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

- Din il-Qorti ghandha responsabilita tara li z-zomm il-bilanc bejn dak li huwa fl-interess tas-socjeta u dak li huwa fl-interess ta' l-imputat. Madankollu din il-Qorti tara li l-imputati ghandhom bzonn ghajnuna sabiex jinidirizzaw il-problemi li ghandhom li wassluhom sabiex iwettqu dan ir-reat.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi fic-cirkostanzi partikolari ta' l-imputati, u l-IQ baxxa ta' Jurgen Vassallo, ikun ghall-kuntrarju u ghalhekk tqis li l-iktar piena adegwata hija wahda alternattiva ghal piena karcerarja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a), 262(1)(a)(2), 274(c), 214, 215 u 221(1), 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 7, 8, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil

Jurgen Vassallo **hati** ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, izda **mhux hati** tat-tieni imputazzjoni, inkluz l-addebitu tar-recidiva.

Addie Magri **hati** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, inkluz l-addebitu tar-recidiva.

Illi kwantu ghall-piena l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputati li il-hatja jitqieghdu taht **Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament.**

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' **sentejn** millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hatja jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilhom mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Trattament sabiex ikomplu jindirizzaw l-problemi li ghandhom rigward abbuz tad-droga u dizabilitajiet intelletwali (fil-kaz ta' Jurgen Vassallo) ghal perjodu ta' **sentejn** millum.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordnijiet. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Fir-rigward it-tielet imputazzjoni li Jurgen Vassallo gie misjub hati, filwaqt li l-Qorti tikkonferma l-Ordni ta' *Probation* in kwistjoni, taghzel li ma titrattax mar-reati li taghhom l-imputat kien inghata l-Ordinijet tal-*Probation* a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħatja Addie Magri u Jurgen Vassallo taħt obbligazzjoni tagħhom personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hatja a favur ta' Joseph Vella ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Illi wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hatja Jurgen Vassallo u Addie Magri ihallsu, f'sehem ugwali bejniethom, lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' elfejn, mitejn u erba u hamsin Euro u tnejn u tlettin centezmu **(€2,054.41)** u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Keith Cutajar fl-ammont ta' €454.41[67]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Emma Kwenko fl-ammont ta' €495[68]
3. Spejjez ta' zewg rapport ta' l-espert Dr. Kristian Sant fl-ammont globali ta' €1,105[69]

Komunika: Registratur tal-Qrati Kriminali

[67] Folio 203-234 ta' l-atti processwali
[68] Folio 327-344 ta' l-atti processwali
[69] Folio 301-314 ta' l-atti processwali

**Mogħtija illum nhar it-12 ta' Ottubru 2021 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Reġistratur**